## GHAL MIN?

*Għal min ix-xemx titgħarwen*
*Fil-kħula tas-smewwiet?*
*Għal min il-gawwi jwerżaq*
*Qalb blat u rdumijiet?*

*Għal min is-sħana tinżel*
*Fil-qiegħa ta' mitt ġnien,*
*Xħin ġuf il-art jitriegħed*
*Bil-għanja tal-ħelsien?*

*Ah! ruħ ta' bniedem mifni,*
*Għal dawk li jħobbu d-dieq,*
*Għal dawk li f'wiċċhom jidher*
*L-uġigħ kollu tal-ħliq!*

J. Azzopardi

## ~~ŻGHOŻITI~~

~~*Din żgħożiti mhi xejn ħlief waħx u fruġħa,*~~
~~*Mixgħula 'l hawn u 'l hinn b'xi merżuq dawl*~~
~~*Xita nhar u sajjetti mlewwa kruha,*~~
~~*U minn laħamha mħassar kiel iċ-ċawl.*~~

~~*Issa bdiet riesqa lejja l-irġulija,*~~
~~*U wasal dak iż-żmien biex nara x'hemm,*~~
~~*F'dal-ġnien maqlugħ mill-qiegħ, ġo dil-ħamrija,*~~
~~*Li tatni fjuri ħomor kollha semm.*~~

~~*Iżd'għalxejn, ħadd ma jara dax-xogħol tiegħi,*~~
~~*Waħdi għaddej fil-kruha tal-ħolqien,*~~
~~*Ġismi mifluġ, bla ħadd imgħannaq miegħi,*~~
~~*Waqt li taħt sieqi hemm miftuħ dagħbien.*~~

~~*Ja Wġigħ! Ja Wġigħ! Fnejt qalbi w xrobtli demmi,*~~
~~*U f'ġismek bdiltu f'semm biex tkattar hemmi.*~~

~~J. Azzopardi.~~